MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 582/2012

**Elena Mikhailovna Soprounovskaia**
**Vs**

**Dr Noel Bartolo u l-PL Peter Paul Zammit bhala kuraturi tal-assenti Vladimir Soprunovsky**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fis-6 ta’ Gunju 2012 l-attrici qeghda titlob lill-qorti sabiex tannulla u tordna li hi minghajr effett l-iskrizzjoni li saret fir-Registru pubbliku bin-numru 12258/2008 li l-konvenut irregistra fuq il-penthouse numru mija u wiehed (101), flimkien ma’ zewg garaxxijiet li jifformaw parti mill-kumpless Portomaso, Triq Spinola, San Giljan.
Il-kuraturi wiegbu li m’humiex edotti mill-fatti.
Min-naha tal-attrici ddikjarat li m’ghandha l-ebda kuntratt mal-konvenut.

B’nota prezentata fit-13 ta’ Lulju 2012 l-avukat Dr Stefano Filletti, li kien ghamel zmien jassisti lill-konvenut, iddikjara li m’ghandu l-ebda kuntatt mieghu.

Jirrizulta li permezz ta’ kuntratt pubblikat fil-21 ta’ Jannar 2002 min-nutar Dr Carmel Mangion, il-kontendenti ddikjaraw li kienu zzewwgu fit-18 ta’ April 1991. Fil-kuntratt ftehemu:-

*“Now, therefore, in virtue of this deed, appearers spouses Soprunovsky, as duly authorised, by the attached Court decree marked document ‘A’, hereby establish with effect from today, the separation of acquests between them. Therefore, for all purposes and intents at law, **all property, movable and immovable, corporeal or incorporeal, acquired by appearers individually, shall be deemed to be fully owned in all respects by the person acquiring it**, and the said same individual party shall be able to dispose of it as said party may deem fit, at his or her discretion.”*.

Kuntratt li gie ppubblikat wara l-approvazzjoni tal-qorti volontarja b’digriet numru 22/2002.

Sussegwentement fit-23 ta’ Jannar 2002 l-attrici xtrat minghand Spinola Development Company Limited, il-penthouse numru mija u hdax (111), fil-blokk ta’ appartamenti numru sittax (16) gewwa Portomaso, Triq Spinola, San Giljan u zewg *car park spaces*.

Ifisser li ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi Maltija, il-fond imsemmi hu proprjeta tal-attrici.

Jirrizulta li fil-5 ta’ Awwissu 2008 l-avukat Dr Stefano Filletti ghan-nom tal-konvenut ghamel att dikjaratorju fl-atti tan-nutar Dr Malcolm Mangion li b’sentenza li nghatat minn qorti fir-Russja fis-16 ta’ Gunju 2008 u pubblikata fil-11 ta’ Lulju 2008, gie dikjarat id-divorzju bejn il-kontendenti u l-fond fuq imsemmi gie dikjarat li hu proprjeta komuni taghhom u ghalhekk kull wiehed hu proprjetarju ta’ nofs indiviz. Dikjarazzjoni li jidher li giet insinwata fir-Registru Pubbliku bin-numru 12258 u saret minghajr il-kunsens tal-attrici. Inoltre ma saret l-ebda prova li d-divorzju gie registrat f’Malta. Ghalhekk is-sentenza li setghet inghatat m’hijiex ezegwibbli.

F’kull kaz hu maghruf li ghal dak li jikkoncerna immobbli, ghandha tapplika l-ligi tal-pajjiz fejn jinsab l-immobbli (*lex situs*).

Hi l-fehma tal-qorti li l-ftehim li sar fil-21 ta' Jannar 2002 jorbot lill-partijiet, irrispettivament mid-dikjarazzjoni li saret mill-qorti estera li jidher li strahet sempliciment fuq taghrif li nghata lilha mill-konvenut. Fic-cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li l-konvenut ma kellu l-ebda jedd li jaghmel id-dikjarazzjoni tal-5 ta' Awwissu 2008, peress li skond il-ligi Maltija l-proprjeta tal-penthouse hi esklussivament tal-attrici u m'ghandu l-ebda drittijiet fuqha.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tiddikjara li Vladimir Soprunovsky ma kellu l-ebda jedd li :-**

**(a) jaghmel id-dikjarazzjoni li saret fil-5 ta' Awwissu 2008 fl-atti tan-nutar Dr Malcolm Mangion; u**

**(b) jirregistra tali dikjarazzjoni fir-Registru Pubbliku.**

**2. Tiddikjara li d-dikjarazzjoni li saret minn Valdimir Soprunovsky fil-5 ta' Awwissu 2008 u l-iskrizzjoni fir-Registru Pubbliku bin-numru 12258 hi minghajr ebda effett.**

**3. Tawtorizza li ssir l-iskrizzjoni ta' din is-sentenza fir-Registru Pubbliku ghas-spejjez tal-attrici. L-iskrizzjoni tista' ssir skond il-procedura kontemplata fl-Artikolu 239 tal-Kap. 12, ghas-spejjez provizorjament tal-attrici.**

**Spejjez kontra l-konvenut b'dan li provizorjament id-dritt dovut lill-kuraturi ghandu jithallas mill-attrici**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------